# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH

**DISTRETT NAXXAR**

**Pulizija**

**vs**

**Omar Calleja**

**Illum, 9 ta' Novembru, 2021**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra Omar Calleja, bil-karta tal-identità numru 111788M, li permezz tagħhom ġie akkużat talli fis-16 ta' Marzu 2019, għal ħabta ta' 17.50hrs ġewwa Triq Emmanuel Perren, Għargħur,

1. *Ħebb għal Matthew Sammut u kkaġunalu ġrieħi ta' natura ħafifa, hekk kif ġie ċċertifikat minn Dottor Malcolm Falzon MD, minn ġewwa ċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Mosta;*
2. *U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u taħt l-istess ċirkustanzi, insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor, lil Matthew Sammut;*
3. *U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u taħt l-istess ċirkostanzi, b'nuqqas ta' ħsieb jew bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna ħruq jew għarraq l-iscreen tal-*

*mobile tal-għamla Samsung S7, ta' lewn griż, għad-dannu ta' Matthew Sammut;*

4. *U aktar talli nhar l-Erbgħa 20 ta' Marzu 2019, wara li kien avżat b'avviż bil-miktub mill-Pulizija sabiex jattendi f'Għassa tal-Pulizija, naqas li jattendi fl-Għassa tal-Pulizija tan-Naxxar, sabiex jagħti dak it-tagħrif u jġib miegħu dawk id-dokumenti li l-Pulizija kienu jinħtieġu fuq xi investigazzjoni.*

Il-Qorti giet mitluba li f'każ ta' ħtija, tipprovdi għas-sigurtà ta' Matthew Sammut, billi tapplika l-Artikoli 383 u 412C tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti eżebiti;

Semgħet ix-xhieda;

Rat li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

**Ikkunsidrat;**

Dan il-każ jitratta dwar inċident li seħħ bejn Matthew Sammut u l-imputat. Ingħataw żewġ verżjonijiet differenti ta' kif seħħew il-fatti. L-imputat sostna li huwa ġie avviċinat minn Matthew Sammut, wara li kien ingħata struzzjonijiet minnu biex imur jisraq xi għodda minn post fil-Madliena, u peress li l-imputat biddel ħsiebu, Matthew Sammut ikkonfrontah, ta l-ewwel daqqa lill-imputat, bil-konsegwenza li l-imputat iddefenda ruħu u mbotta lil Sammut. Mill-banda l-oħra, Matthew Sammut xehed li huwa kien ilu jsib għodda nieqsa minn siti fejn ikun jaħdem. Sostna li kien qed jaħdem f'sit, u ra lill-imputat tiela' u nieżel iħares ġo dan is-sit, u kien għalhekk li mar kellmu, u wissieh sabiex ma joqgħodx iħares ġo dan is-sit, u sabiex jitlaq minn hemm. Matthew SAmmut sostna mbagħad, li ġie aggredit u insulentat mill-imputat.

Din il-Qorti tqies li mill-provi prodotti, inkluż ix-xhieda u l-affidavit tat-tabib Dr Malcolm Falzon, l-ewwel imputazzjoni ġiet ampjament ippruvata. Irriżulta li l-verżjoni mogħtija minn Matthew Sammut, hija verosimili. Mill-banda l-oħra, jekk il-verżjoni mogħtija mill-imputat kienet waħda veritiera, l-imputat kien messu

mar għamel rapport l-għassa dwar dak li kien ġara, iżda huwa naqas li jagħmel dan. Irriżulta wkoll li l-ġrieħi kienu ta' natura ħafifa, u kienu ta' importanza żgħira, tant li fix-xhieda tiegħu, Sammut ma semmiex li għadu jbati xi konsegwenzi minħabba dawn il-ġrieħi.

Dwar it-tieni imputazzjoni, ix-xhieda ta' Matthew Sammut ma kinitx waħda kostanti, fis-sens li fix-xhieda li ta viva voċe, ma kienx ċert fuq xi kliem eżatt li ntqal lilu. F'hin minnhom, xehed li ntqal ċertu thedid mill-imputat, u f'partijiet oħra tax-xhieda tiegħu, qal li ma hux ċert jekk dak id-diskors intqalx f'dan l-inċident partikolari. Din il-Qorti għalhekk, ma tqisx li din it-tieni imputazzjoni ġiet ippruvata lil hinn minn kull dubju raġjonevoli mill-Prosekuzzjoni.

Dwar it-tielet imputazzjoni, u ċioè ħsara fuq mobile tal-għamla Samsung S7 ta' lewn griż, din il-Qorti tirrimarka li mill-affidavit ta' PS 1021 Christian Cauchi, kif ukoll mill-*Current Incident Report* eżebit bħala Dok RS 5, jirriżulta li r-rapport dwar il-ħsara fil-mobile, saret minn Matthew Sammut fis-17 ta' Marzu 2019, għal ħabta tal-10.55 hrs. Għalhekk, ir-rapport sar l-għada li seħħ l-inċident bejn l-imputat u Sammut. Din il-Qorti qieset ukoll li ma nġabitx prova dwar kemm kien jiswa dan il-mobile mill-Prosekuzzjoni. Qieset ukoll dak li xehed l-imputat, fis-sens li huwa ġie nfurmat li l-mobile kien tkisser wara, u li Sammut qed jipprova jitfa' resposabbilità fuqu għall-ħsarat fil-mobile, meta ma kienx tort tiegħu li dan il-mobile nkiser.

Fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni ma ressqitx provi lil hinn minn kull dubju raġjonevoli dwar it-tielet imputazzjoni.

Dwar ir-raba' imputazzjoni, il-Qorti qieset li ġie ppreżentat l-avviż bil-miktub li ntbagħat mill-Puliżija, bħala Dok RS3. L-imputat sostna li huwa ma rċieva l-ebda avviż biex imur l-Għassa. Xehed li huwa magħruf mal-Pulizija minħabba l-passat tiegħu, u għalhekk kien faċilment jinstab li kieku marru għalih, bħalma solitament jiġri. Sostna wkoll li huwa ma jiftaħx il-kaxxa tal-posta, u għalhekk, jekk tħalla xi avviż, huwa ma jkunx jaf bih. Irriżulta mill-affidavit ta' PS 1021 Christian Cauchi, li huwa nkariga lil PC 937 biex jimposta dan l-avviż bil-miktub, ġewwa r-residenza tal-imputat. Madanakollu, il-Prosekuzzjoni ma resqitx lil PC 937 biex jikkonferma li verament ġie mpustat dan l-avviż eżebit bħala DOK RS3, u sabiex jixhed f'liema indirizz ġie mpustat dan l-avviż. Għalhekk, din l-imputazzjoni lanqas ma ġiet ippruvata.

**Deċide**

**Għar-raġunijiet kollha hawn esposti, din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-kawża, billi ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni, tat-tielet u tar-raba' imputazzjoni, filwaqt li wara li rat l-Artikolu 221(3) (b) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat Omar Calleja, ħati tal-ewwel imputazzjoni, u tikkundannah għal ħlas ta' ammenda ta' ħamsin Ewro (€50.00).**

**In oltre, b'applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tordna lill-ħati biex iżomm il-kwiet u l-bon ordni ma' Matthew Sammut, u dan għal żmien sitt xhur mil-lum, taħt penali ta' tliet mija u ħamsin Ewro (€350.00).**

**Maġistrat Dr. Simone Grech**

**Janet Calleja**
**Deputat Reġistratur**